**Emenda 1**
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| F. billi fiż-żminijiet diġitali tagħna, il-protezzjoni tad-data, id-dritt għall-awtodeterminazzjoni informattiva, id-drittijiet personali u d-dritt għall-privatezza ***saru valuri li għandhom rwol dejjem qed jikber*** u għalhekk għandhom jiġu protetti b'attenzjoni speċjali, | F. billi fiż-żminijiet diġitali tagħna, il-protezzjoni tad-data, id-dritt għall-awtodeterminazzjoni informattiva, id-drittijiet personali u d-dritt għall-privatezza ***dejjem qed jiġu mhedda*** u għalhekk għandhom jiġu protetti b'attenzjoni speċjali, |

Or. en

3.5.2010 B7-0244/2

**Emenda 2**
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***G. billi fid-dinja tagħna, li fiha l-mobilità hija karatteristika essenzjali, is-sigurtà ikbar u l-ġlieda mtejba kontra l-kriminalità għandhom imorru id f'id ma' skambju iktar effettiv u rapidu tad-data fl-Ewropa u fil-livell dinji,*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ifakkar fid-determinazzjoni tiegħu li jiġġieled kontra t-terroriżmu u kontra l-kriminalità organizzata u transnazzjonali, u fit-twemmin sod tiegħu fil-ħtieġa li ***jinstab il-bilanċ ġust bejn miżuri ta' sigurtà u l-protezzjoni tal-libertajiet*** ċivili u d-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiġi żgurat l-ikbar rispett għall-privatezza, l-awtodeterminazzjoni informattiva u l-protezzjoni tad-data; itenni li n-neċessità u l-proporzjonalità huma prinċipji ewlenin mingħajr liema l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma tistax tkun effettiva; | 1. Ifakkar fid-determinazzjoni tiegħu li jiġġieled kontra t-terroriżmu u kontra l-kriminalità organizzata u transnazzjonali, u ***fl-istess ħin*** fit-twemmin sod tiegħu fil-ħtieġa li ***jitħarsu l-libertajiet*** ċivili u d-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiġi żgurat l-ikbar rispett għall-privatezza, l-awtodeterminazzjoni informattiva u l-protezzjoni tad-data; itenni li n-neċessità u l-proporzjonalità huma prinċipji ewlenin mingħajr liema l-ġlieda kontra t-terroriżmu ma tistax tkun effettiva; |

Or. en

3.5.2010 B7-0244/4

**Emenda 4**
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5, inċiż 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– ir-regola finali ppromulgata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti fit-3 ta' Frar 2010, u ppubblikata fir-Reġistru Federali (volum 75, p. 5487-5491) għall-eżenzjoni ta' ċerta data tal-PNR li tinsab fis-Sistema ta' Mira Awtomatizzata tad-DHS minn ċerti rekwiżiti tal-Att dwar il-Privatezza tal-Istati Uniti;*** |

Or. en

3.5.2010 B7-0244/5

**Emenda 5**
**Rui Tavares**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0244/2010**
**ALDE, S&D, PPE, Verts/ALE, ECR, GUE/NGL**
Ftehimiet dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jemmen li fi kwalunkwe ftehim ġdid għandhom ikunu provduti mekkaniżmi xierqa għar-reviżjoni u s-sorveljanza; | 6. Jemmen li fi kwalunkwe ftehim ġdid għandhom ikunu provduti mekkaniżmi xierqa għar-reviżjoni u s-sorveljanza ***ġudizzjarja***; |

Or. en